Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 48/20**
il-Lussemburgu, 23 ta' April 2020

Sentenza fil-Kawża C-507/18
NH vs Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI – Rete Lenford

# Dikjarazzjonijiet omofobiċi jikkostitwixxu diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol meta dawn jsiru minn persuna li għandha jew li tista' tiġi pperċepita bħala li għandha influwenza determinanti fuq il-politika ta' reklutaġġ ta' persuna li timpjega

*F'każ bħal dan, id-dritt nazzjonali jista' jipprevedi li assoċjazzjoni jkollha locus standi in judicio sabiex tikseb kumpens għad-danni, anki jekk ebda persuna leża ma tkun identifikabbli*

Fis-sentenza Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI (C-507/18), mogħtija fit-23 ta' April 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dikjarazzjonijiet magħmula minn persuna matul xandira awdjoviżiva, li hija qatt ma ser tirrekluta jew tħaddem persuni ta' ċerta orjentazzjoni sesswali fl-impriża tagħha, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2000/78 1 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva kontra d-diskriminazzjoni"), u b'mod iktar partikolari tal-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg [...] jew għax-xogħol", fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva, u dan anki jekk ma kien hemm ebda proċedura ta' reklutaġġ għaddejja jew ipprogrammata meta saru dawn id-dikjarazzjonijiet, bil-kundizzjoni, madankollu, li r-rabta bejn l-imsemmija dikjarazzjonijiet u l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg jew għax-xogħol fi ħdan l-impriża ma tkunx ipotetika.

F'dan il-każ, avukat kien iddikjara, matul intervista li saritlu f'xandira tar-radju, li la jrid jirrekluta u lanqas iħaddem persuni omosesswali fl-uffiċċju legali tiegħu. Billi qieset li dan kien għamel kummenti li jikkostitwixxu diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali tal-ħaddiema, assoċjazzjoni ta' avukati li jiddefendu *in judicio* d-drittijiet ta' persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI) ressqet azzjoni ġudizzjarja kontrih sabiex tikseb kumpens. Peress li r-rikors intlaqa' fl-ewwel istanza u peress li s-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell, l-avukat appella fil-kassazzjoni, mis-sentenza mogħtija fl-appell, quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja). Din tal-aħħar ressqet għalhekk quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari dwar, b'mod partikolari, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg [...] jew għax-xogħol", fis-sens tad-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni.

Wara li fakkret li dan il-kunċett jeħtieġ interpretazzjoni awtonoma u uniformi u li ma jistax ikun is-suġġett ta' interpretazzjoni restrittiva, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-imsemmi kunċett billi għamlet riferiment għas-sentenza tagħha Asociația Accept 2.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fost affarijiet oħra, li dikjarazzjonijiet li jissuġġerixxu l-eżistenza ta' politika ta' reklutaġġ omofobika jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg [...] jew għax-xogħol", anki jekk dawn ikunu joriġinaw minn persuna li ma jkollhiex il-kapaċità legali li tirrekluta, bil-kundizzjoni li tkun teżisti rabta mhux ipotetika bejn dawn id-dikjarazzjonijiet u l-politika ta' reklutaġġ tal-persuna li timpjega.

[1]Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79). Din id-direttiva tikkonkretizza, fil-qasam li hija tkopri, il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni li issa huwa sanċit fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
[2]Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' April 2013, Asociația Accept (C-81/12, stqarrija għall-istampa Nru 52/13).

L-eżistenza ta' tali rabta għandha tiġi evalwata mill-qrati nazzjonali abbażi taċ-ċirkustanzi kollha li jikkaratterizzaw lill-imsemmija dikjarazzjonijiet. Huma b'mod partikolari rilevanti, f'dan ir-rigward, l-istatus tal-awtur tad-dikjarazzjonijiet u l-kwalità li fiha jkun esprima ruħu, li għandhom jistabbilixxu li huwa għandu jew jista' jiġi pperċepit bħala li għandu influwenza determinanti fuq il-politika ta' reklutaġġ tal-persuna li timpjega. Il-qrati nazzjonali għandhom ukoll jieħdu inkunsiderazzjoni n-natura u l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet ikkonċernati, kif ukoll il-kuntest li fih dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu saru, b'mod partikolari n-natura pubblika jew privata tagħhom.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg [...] jew għax-xogħol" tista' twassal għal limitazzjoni potenzjali tal-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni ma jimminax din l-interpretazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'dan ir-rigward, li l-libertà tal-espressjoni ma huwiex dritt assolut u l-eżerċizzju tiegħu jista' jkollu limitazzjonijiet, bil-kundizzjoni li dawn ikunu previsti mil-liġi u li josservaw il-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Dan il-prinċipju jimplika li għandu jiġi vverifikat jekk dawn il-limitazzjonijiet ikunux neċessarji u jirrispondux effettivament għal għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew għall-ħtieġa li d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor jiġu protetti. F'dan il-każ, dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfatti, peress li l-limitazzjonijiet jirriżultaw direttament mid-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni u japplikaw biss sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, jiġifieri li jiġi ggarantit il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol u li jintlaħaq livell għoli ta' impjieg u ta' protezzjoni soċjali. Barra minn hekk, l-indħil fl-eżerċizzju tal-libertà tal-espressjoni ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jitwettqu l-għanijiet tal-imsemmija direttiva, billi tipprekludi biss id-dikjarazzjonijiet li jikkostitwixxu diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg jew tax-xogħol. Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet li jirriżultaw mid-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni huma neċessarji sabiex jiġu żgurati d-drittijiet fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol li għandhom il-persuni msemmija f'din id-direttiva. Fil-fatt, is-sustanza stess tal-protezzjoni mogħtija mill-imsemmija direttiva fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol tista' ssir illużorja jekk dikjarazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet għall-aċċess għall-impjieg [...] jew għax-xogħol" fis-sens tal-istess direttiva jevitaw il-kamp ta' applikazzjoni tagħha għar-raġuni li jkunu saru fil-kuntest ta' xandira awdjoviżiva ta' divertiment jew li jkunu jikkostitwixxu l-espressjoni ta' opinjoni personali tal-awtur tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni ma tipprekludix il-leġiżlazzjoni Taljana li tirrikonoxxi awtomatikament il-*locus standi in judicio* sabiex jiġu osservati l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva u, jekk ikun il-każ, sabiex jinkiseb kumpens, lil assoċjazzjoni ta' avukati li għandha bħala għan, skont l-istatuti tagħha, id-difiża legali tal-persuni li għandhom ċerta orjentazzjoni sesswali u li tippromwovi l-kultura u r-rispett tad-drittijiet ta' din il-kategorija ta' persuni, minħabba dan l-għan u irrispettivament mill-iskop ta' lukru potenzjali tagħha, meta jseħħu fatti li jistgħu jikkostitwixxu diskriminazzjoni, fis-sens tal-imsemmija direttiva, kontra l-imsemmija kategorija ta' persuni u meta persuna leża ma tkunx identifikabbli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, f'dan ir-rigward, li anki jekk id-Direttiva ma timponix li assoċjazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tingħata *locus standi* meta ebda persuna leża ma tkun identifikabbli, hija tipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għall-protezzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament minn dawk li hija tinkludi. Għaldaqstant, huma l-Istati Membri li jkunu għażlu li jagħmlu dan li għandhom jiddeċiedu taħt liema kundizzjonijiet assoċjazzjoni tista' tibda proċedura ġudizzjarja intiża sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' diskriminazzjoni u sabiex din tiġi ssanzjonata. Huma għandhom b'mod partikolari jiddeterminaw jekk l-iskop ta' lukru jew le ta' assoċjazzjoni għandux ikollu influwenza fuq l-evalwazzjoni tal-*locus standi* tagħha f'dan is-sens u li jippreċiżaw il-portata ta' tali azzjoni, b'mod partikolari s-sanzjonijiet li jistgħu jingħataw wara li tintemm din l-azzjoni, fejn tali sanzjonijiet għandhom, konformement mal-Artikolu 17 tad-Direttiva kontra d-diskriminazzjoni, ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, inkuż meta ebda persuna leża ma tkun identifikabbli.

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-

Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni hija vinkolanti, bl-istess mod, għall-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*